MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-26 ta' April, 2011

Numru. 551/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Jesmond Borg**
**Vs**
**ROBERT CHETCUTI**

**Il-Qorti:**
Rat illi l-imputat **ROBERT CHETCUTI** ta' disgha w ghoxrin (29) sena, bin Joseph u Mary Gladys nee' Caruana, imwieled San Giljan nhar l-24 t'Ottubru, 1974 u residenti gewwa 100, Valentina, Triq il-Gawhar, Safi, detentur tal-karta tal-identita' numru 503874(M) gie imressaq quddiemha w akkuzat talli fil-lejl ta' bejn is-6 ta' Gunju w is-7 ta' Gunju 2004 ghall-habta tas-siegha w nofs ta' filghodu (1.30a.m.) minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja fil-perikolu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Cassar minn Hal-Tarxien, liema offiza giet maghmula b'ferita fil-wicc (imnieher) tal-istess Lawrene Cassar u dan skond ma ccertifika Dr. Chris Spiteri mill-Isptar San Luqa.

U aktar talli hebb ghal Kurt Cassar u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. Godfrey Borg mill-Paola Health Centre, kif ukoll hebb ghal Clinton Flores b'ogget iebes (injama) u kkagunalu ferita ta' natura hafifa skond kif iccertifika Dr. M. A. Aquilina mill-Isptar San Luqa.

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi gewwa Triq Anglu Mangion, f'Hal-Tarxien kiser il-paci pubblika w il-bon ordni b'ghajjat, glied u storbju .

Kif ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi hedded u ngurja bil-kliem lil Lawrence Cassar minn Hal-Tarxien.

U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi qal fil-pubbliku kliem oxxen u ndecenti li jikkonsisti f'dagha.

Il-Qorti giet mitluba sabiex minbarra il-piena stabbilita tapplika wkoll l-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra li tinfliggi il-piena marbuta ma' dawn ir-reati, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez a tenur ta' l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, (Kap 9).

Rat id-dokumenti kollha esebiti fosthom il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta' Lulju 2004 esebit u mmarkat bhala dok CSH 2 a fol 7 tal-atti sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-prosekuzzjoni, lill-imputat jixhed minn jeddu w b'mod volontarju, kif ukoll ix-xhieda tad-difiza.

Ikkunsidrat:-

Illi nhar il-25 ta' Otturbu 2004 xehed **Raymond Azzopardi** w spjega illi nhar il-Hadd 6 ta' Gunju 2004 huwa kien mistieden ghall-festin zghir tal-Precett li kien ser ikollu t-tifel ta' Lawrence Cassar. Ghall-habta ta' nofs il-lejl, huwa kien ser johrog mill-*party* u x'hin hareg sab li kien ghaddej

argument bejn Lawrence Cassar u Sandro Checuti. Huwa, flimkien ma' Clint Flores, beda jipprova jikkalma lill-partijiet. F'xi hin ra lil Sandro Chetcuti jaghmel telefonata u huwa mar fuqu w ipprova jikkalmah. Ftit wara jghid li waslet fuq il-post persuna twila b'xi haga f'idejha w din tat daqqa f'dahar l-assitent tieghu u dan waqa' mal-art, u din l-istess persuna marret thabbat fuq il-bieb ta' fejn kien qed isir il-festin, cioe' fuq il-bieb ta' barra ta' Lawrence Cassar. Jghid li huwa cempel lill-pulizija peress li l-assistent tieghu kien midrub. Mistoqsi fejn kienet il-persuna li tat daqqa lill-assistent tieghu jghid li ma jafx, u jikkonferma li ma rahiex, izda dell taghha biss ra. Ikkonferma wkoll li hsarat fil-proprjeta' ta' Lawrence Cassar ma rax. Ikkonferma li sakemm waslet din il-persuna, s-Sur Cassar kien diga' gewwa daru. Mistoqsi jiddeskrivi l-oggett li kellha f'idejha din il-persuna jghid li ma jistax jiddeskrivih, salv li jahseb li setghet kienet injama. Jghid li huwa kien imbieghed mill-bieb ta' Lawrence Cassar u ghalhekk x'setghet ghamlet din il-persuna mal-bieb ma jafx. Jaf li l-mara ta' Sandro Chetcuti bdiet tghid "le mhux hu", w dan b'referenza ghall-assistent tieghu. Mistoqsi fuq xhiex kien l-argument, jghid li ma jafx, ghalkemm jghid li kienet xi haga fuq xi vettura. Jikkonferma li l-argument sehh filghodu kmieni ta' jum it-Tnejn.
Mistoqsi fejn kienet il-vettura ta' Cassar jghid li ma jafx. Zied li hu ma jsuqx u l-karozzi ma jinteressawhx u lanqas jaf x'karozza ghandu s-Sur Cassar. Jghid li huwa pprova jikkalma kemm lis-Sur Cassar kif ukoll lis-Sur Chetcuti peress li t-tnejn li huma kienu ecitati hafna. Meta kien hareg mid-dar jaf li sid il-post, cioe' Lawrence Cassar, kien diga' hareg barra, w dan wara li xi hadd kien daqq il-qanpiena ta' daru. Argumenti minn gewwa ma semax. Mistoqsi jekk is-Sur Cassar kienx xorob dakinhar tal-festin, jghid li hekk jahseb. Di fatti l-festin beda fit-tmienja ta' filghaxija.

**PS 1327 Konrad Ellul** xehed fil-25 ta' Ottubru 2004 u spjega li nhar is-7 ta' Gunju 2004 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu kien gie rappurtat lilhom li fi Triq Anthony Mangion, Tarxien kien hemm glieda barra t-triq. Huwa ghalhekk kien acceda fuq il-post li gie indikat lilu fir-rapport li sar, u sab li fit-triq kien hemm skiet perfett.

Jghid pero’ li minn go gallarija hareg tifel u ndikalu fejn kien qed isir l-argument. Huwa ghalhekk habbat mal-bieb tar-residenza in kwistjoni, liema residenza kien jisimha ‘Contacito’ u fetahlu Lawrence Cassar. Osserva li gewwa kien hemm xi diski ghaddejjin u li Lawrence Cassar kien bilqieghda fuq siggu. Meta huma bdew jistaqsu x’kien gara dan Lawrence Cassar beda jgholli lehnu w jghid xi kliem mhux xierqa fil-konfront teighu u ghalhekk injorah. Prezenti kein hemm zewg xhieda li qalu li Sandro Chetcuti ried jipparkja l-vettura teighu fil-garage tieghu u ma setax jaghmel hekk ghaliex Lawrence Cassar kien ipparkjalu quddiem il-bieb tal-garage. F’daqqa wahda beda jisma’ ghajjat u storbju w ra lil Sandro Chetcuti sejjer fid-direzzjoni taghhom u jghajjar lil kulhadd. Dak il-hin huma nizlu l-poliklinika ta’ Rahal Gdid u sabu lil Robert Chectuti li kien qed jiddewwa. Staqsewh x’kien gara w dan spjegalhom li kien qala’ daqqa ta’ mera w kellu bzonn xi punti. Dak il-hin tkellem ma’ Sandro w dan spejgalu li ried idahhal il-vettura tieghu fil-garage tieghu u ma setax minhabba l-vettura ta’ Lawrence Cassar. Qal li huwa mar ikellmu bil-prudenza kollha, izda Lawrence Cassar nizel minn gewwa daru w beda jghid kliem oxxen u jaghmel gesti oxxeni w jiggestikola b’idu fit-triq. Dan Cassar avvicina lil Sandro Chectuti w huwa imbuttah ‘l hemm u dan waqa’ ma l-art. Jghid li dan kien avvicinah bi glied, Cassar rega’ qam u rega’ avvicinah bi glied, u huwa rega’ mbuttah ‘l hemm u dan waqa’ mal-art. Jispjega li Sandro Checuti kien qallu li appena dahal fil-vettura tieghu sab ruhu mdawwar b’xi erba’ min-nies u allura dak il-hin beza’ w cempel lil huh, l-imputat odjern.

Ix-xhud zied li mbaghad tkellem mal-imputat u dan qallu li huh Sandro kien cempillu u huwa kien mar hdejh sabiex jiddefendih mill-aggressjoni li kien qed jircievi. Qal li verament kien hemm nies imdawrin mal-van, kif ukoll li xi nies ghamlu forza mieghu w hu ghamel maghhom.

Kompla li rega’ mar fuq il-post u din id-darba tkellem ma’ Rita Cassar, mart Lawrence, u din qaltlu li kienet sabet *wheel brace* fit-triq, u huwa ghadda din il-*wheel brace* lill-Ispettur. Osserva li Lawrence kellu xi dmija f’wiccu w ghalhekk issuggerielu jmur il-poliklinika. Aktar tard kien gie infurmat minn Clint Flores li kien iddahhal l-isptar isofri minn xi griehi. Mistoqsi jekk jafx lil dan Clint Flores, ix-

xhud wiegeb fin-negattiv, jghid biss li kien jaf li dan Flores hu habib ta' Ray Azzopardi li jahdem fis-Super One.
Huwa ghalhekk mar ikellem lil Ray Azzopardi li kkonfermalu li kien hemm riceviment ghand is-Sur Cassar u appena nizel mid-dar residenza ta' dan Cassar kien sema' ghajjat u glied barra t-triq. Kompla li mbaghad tkellem ma' Clint Flores, u dan qallu li waqt dan il-pandemonju nnota li t-tifel iz-zghir ta' Lawrence Cassar kein qieghed barra, w li Cassar kien ghalaq il-bieb u halla lil ibnu barra. Jghid li hass daqqa f'dahru, nqataghlu nifsu w ma jaf xejn aktar x'gara.
Mistoqsi jekk rax xi hsarat fid-dar ta' Lawrence Cassar, ix-xhud jghid li effettivament kien ra xi mirja w xi vazun miksurin. Mistoqsi jekk innotax xi haga fuq il-persuna tas-Sinjura Cassar, jghid li ma nnota xejn. Jiftakar li t-tifel il-kbir taghhom kien qed jghid li qala' daqqa go rasu w li kellu wiccu ahmar, u jghid li kien hemm xi feriti zghar fuq il-persuna ta' Lawrence Cassar. Huwa fil-fatt tkellem mal-familja Cassar u qalilhom sabiex imorru sal-poliklinika. Qal li s-Sur Chetcuti kien qallu li kien qala' daqqa ta' mera f'idu, pero' fejn kien meta qala' din id-daqqa ma jafx. Jghid li gewwa kien hemm ic-caflis, poza umbrella miksura, vazun imkisser u drinks mal-art. Ikkonferma li Cassar kellu riha ta' xorb u kien ghalhekk li nizzilha fir-rapport tieghu. Ikkonferma li maghhom Cassar gab ruhu hazin.

**PS 188 Joseph Cilia** xehed fil-25 ta' Ottubru 2004 u kkonferma dak kollu li kien qal PS 1257 Konrad Ellul. Jispjega pero' li fuq il-persuna ta' Lawrene Cassar innota li kien hemm xi ferita, pero' din ma dehritx li hija girfa li giet kaguanta b'xi daqqa. Qal li Cassar kien qallu li kienu marru Sandro Chetcuti filmkien ma' huh, l-imputat, u dawn dahlu fir-residenza tieghu u Robert kellu f'idejh bicca njama w beda jaghti fuq l-oggetti li kien hemm fl-intrata, kif ukoll fuqu. Ix-xhud jghid pero' li la ra lil Sandro Chetcuti fuq il-post u lanqas lill-imputat. Waqt li kienu hemm gie nfurmat li Sandro Chetcuti kien mar ma' huh l-imputat il-poliklinika peress li kien midrub. Huwa mar sal-poliklinika w innota li verament Sandro kien qed jigi mdewwi. Huwa ghalhekk rega' mar lura fuq il-post u kellem lil Lawrence Cassar. Dan qalilhom li Sandro ried jidhol fil-garage

tieghu izda ma setax ghaliex huwa (Cassar) kien halla l-vettura tieghu quddiem il-bieb ta' Chetcuri. Jghid li Sandro Chetcuti mar ihabbtilhom sabiex inehhulu l-vettura taghhom. Ikkonferma li Cassar kien qallu li fid-dar tieghu kien ghaddej festin u dak il-hin li Chetcuri mar ihabbat kien hemm xi nies li kienu ser jitilqu mid-dar ta' Cassar, u Checuti haseb li dawn kienu sejrin ghalih u ghalhekk cempel lil huh, l-imputat, u talbu sabiex jipprotegih kontra l-aggressjoni tat-terzi ghaliex haseb li kienu ser isawwtuh.
Ikkonferma li dan Lawrence Cassar kien aggressiv maghhom ukoll, u sahansitra anke aggredixxa lis-Surgent. Huwa tkellem ukoll ma' Rita Cassar, mart Lawrence, u din qaltilhom li binha kien qala' daqqa w uriethom *wheel brace* ta' vettura li ma kinitx taghha. Huwa kien tkellem ukoll ma' Clint Flores u Ray Azzopardi w dawn qalulu l-istess haga li rraporta PS 1257.
Huwa kkonferma wkoll il-hsarat li kien hemm fl-intrata, li kienu jikkonsistu f'*sottospecchio* li kellu l-hgiega miksura, vazun miksur u statwa kbira b'rasha maqlugha. Fuq in-naha ta' gewwa kien hemm ukoll id-dmija ma l-art.

**Kenneth Scicluna** xehed nhar il-25 ta' Ottubru 2004 u kkonferma li huwa kien mistieden fil-festin ta' bin Lawrence Cassar. Jghid li ghall-habta tas-siegha ta' filghodu huma kienu sejrin 'l hemm u Sandro Chetcuti kien talab lis-Sur Cassar biex icaqlaqlu l-vettura tieghu li kienet qed tostakolalu l-bieb tal-garage tieghu, u dak hekk ghamel. Jaf li Lawrence u Sandro bdew jilletikaw. Jghid li dak il-hin kienu nizlin minghand is-Sur Cassar meta rawhom jiggieldu u ghalhekk mar sabiex jifridhom. Jghid li huwa ra lil Lawrence johrog mill-vettura tieghu u li gie fl-idejn ma' Sandro Chetcuti w huwa mar sabiex iferraq. Jaf li Sandro dak il-hin cempel lil huh u talbu l-ghajnuna. Jghid li Ray Azzopardi lilu qallu biex jidhol gewwa, w hu hekk ghamel, u ghalaq il-bieb u anke lil martu halla barra.
Ftit wara cemplet il-qanpiena w haseb li kienet martu w mar jiftah, u sab lil Sandro Chetcuti w lill-imputat li f'idu kellu hadida, w hu hadhielu minn idejh, izda wara l-imputat gabar serratizz u beda jkisser kullimkien. Jghid li Robert habbatlu rasu mat-tarag u ghal ftit hin ma bediex jara. Rah jgholli s-serratizz, izda mart Larwence interveniet biex tilqa'. Jaf li l-imputat beda jkisser

kullimkien u ftit wara ra lil bin is-Sur Cassar tiela’ fuq ma’ Clint Flores. Jghid li Lawrence m’ghamel xejn meta dahlu l-ahwa Chetcuti ghandu, izda qaghad fit-tarag. Lawrence Cassar wegga’ f’dan l-incident ghax spicca b’xi punti fuq ghajnejh, u anke ibnu Kurt spicca mwegga’. Mistoqsi min kien qed ikisser ighid li kien l-imputat u dan kien qed ikisser il-pupi, vazuni w bicca ghamara bil-mera.

**Rita Cassar** xehdet nhar id-29 ta’ Novembru 2004 u kkonfermat li kienet id-dar ghaliex kellhom il-*party* tal-Precett tat-tifel. Ikkonfermat li dakinhar kien sehh incident. Spjegat li Sandro Chetcuti kien talabhom sabiex iressqu l-vettura taghhom ghaliex kienet ipparkjata quddiem il-garage tieghu. Spjegat li dan il-garage jinsab ma’ genb id-dar taghhom. Tghid li Lawrence beda jilletika ma’ Sandro tant li kellha tkun hi li ressqet il-vettura w rat lil Sandro bit-telefon ma’ widnejh u kien qed icempel lil xi hadd. Hija hadet ic-cwievet minghand zewgha w dahlu ‘l gewwa.
F’xi hin wara taf li fethu l-bieb ta’ barra w dahlu Sandro w l-imputat li kellu bicca njama f’idejh. Hija esebiet din l-injama w il-Qorti mmarkata bhala Dok Z. Tghid li kellu wkoll bicca hadida li jsewwi l-*punctures* biha. Tikkonferma li l-imputat ta daqqa b’din l-injama lil zewgha w laqtu f’imniehru. Zewgha kellu hafna demm ma’ wiccu w intilef minn sensih u qaghad bil-qieghda fuq pultruna. Binha ntefa’ mal-art u l-imputat beda jaghti fuqu. Minn hemm u minn hawn huma tefghu lil Sandro Chetcuti w lill-imputat ‘il barra. Tghid li ftit tal-hin wara kien hemm habiba taghhom barra t-triq u din bdiet tghajjat sabiex jifthulha, izda maghha regghu dahlu l-imputat u huh u dawn bdew ikissru kullimkien. Qalet li Sandro qabad ir-ragel taghha li kien mitluf minn sensieh u kellmu hazin u beda jtih fl-istonku. Hija esebiet numru ta’ ritratti li jindikaw il-hsarat li sofrew minhabba l-aggressjoni tal-imputat. Ikkonfermat li lil zewgha l-ewwel haduh il-poliklinika izda wara haduh l-Isptar. Hija esebiet ukoll ritratti li jindikaw il-feriti li ssubixxa zewgha. Kif beda l-incident tghid li ma tafx ghaliex dak il-hin kienet ghadha gewwa niezla t-tarag.

**Kurt Cassar** xehed nhar id-29 ta’ Novembru 2004 u kkonferma li nhar is-7 ta’ Gunju 2004 huma kellhom *party*

id-dar. Jaf li f’xi hin daqqet il-qanpiena w dahal Sandro Chetcuti w talab lil missieru sabiex icaqlaq il-vettura tieghu li kienet ipparkjata quddiem il-garaxx ta’ Chetcut. Jaf li Sandro beda jghajjat u jpoggi jdjeh ma’ wicc missieru. Dak il-hin missieru hareg mill-karozza li kien rikeb u ommu dahhlitu gewwa. F’xi hin cemplet il-qanpiena w dahlu Sandro w l-imputat, l-imputat laqat lil missieru f’mohhu b’serattizz, missieru ntefa’ mal-art u l-imputat beda jaghti bl-addocc u beda jkisser kullimkien. Jghid li huwa storda, waqa’ mal-art u ma jaf xejn aktar. Jikkonferma pero’ li t-tkissir fid-dar sar mill-imputat. Fl-ebda hin ma refa’ jdejh fuq l-imputat jew fuq huh.

**Pauline Scicluna** xehdet nhar id-29 ta’ Novembru 2004 u kkonfermat li hija kienet ukoll prezenti ghal dan il-festin. Tghid li appena spicca l-*party* u kienu nizlin biex imorru lejn id-dar, rat li kien hemm glieda. Hija rat li kien hemm hafna ghajjat u genn u kif setghet tifhem il-kwistjoni qamet ghaliex Lawrence Cassar kellu l-vettura tieghu ipparkjata quddiem il-garage ta’ Sandro Chetcuti. Tikkonferma li hija rat zewg persuni dehlin fid-dar ta’ Cassar u wiehed minnhom kien l-imputat, u semghet hafna tkissir u tifrik. Il-bieb pero’ kien maghluq u ma rat xejn. Tghid li rat lil hu l-imputat jilletika ma’ Lawrence Cassar qabel ma rat lill-imptuat diehel god-dar ta’ Cassar. Tghid ukoll li rat lil hu l-imputat jaghmel telefonata qabel ma ratu diehel fid-dar ta’ Cassar.

**Dr. Chris Spiteri** xehed u kkonferma li bejn il-lejl tas-6 w is-7 ta’ Gunju 2004 huwa kien stazzjonat fid-dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa, meta huwa ezamina lil Lawrence Cassar fis-sitta neqsin kwart ta’ filghodu (5.45a.m.) u dan kien qed isofri minn grif fuq il-parti ta’ mniehru ta’ madwar centimetru w kellu bzonn xi punti. Kellu qtugh iehor fuq il-parti tax-xellug tal-*eyebrow,* ukoll ta’ centimetru, kif ukoll brix fuq irkopptejh it-tnejn. Jghid li l-feriti li kellu f’wiccu kienu ta’ natura gravi w gew kagunati minn oggett li ma jaqtax – *blunt trauma*.

**Lawrence Cassar** xehed nhar id-29 ta’ Novembru 2005 u kkonferma li dakinhar tas-6 ta’ Gunju 2004 huwa kellu festin id-dar. Jghid li ghall-habta tal-hdax ta’ filghaxija

(11.00p.m.) kien spicca kollox u hafna mill-mistednin kienu telqu w kien ghad fadal id-dar xi familji tal-qalb. Hin minnhom marret il-mara fuqu w talbitu jressaq il-vettura tieghu minn quddiem il-garage ta’ Sandro Chetcuti li jigi hu l-imputat. Spjega li dan il-garage jinsab taht id-dar tieghu. Huwa qabad ic-cwievet u kien ser nizel u x’hin dahal fil-karozza mar fuqu Sandro Chetcuti biex jghidlu biex ma jipparkjax quddiemu ghaliex ma kinitx prudenza. Dak il-hin huwa wiegbu li kien jaf li l-vettura kienet tieghu u ghalhekk kien ipparkja hemmhekk sabiex ma jipparkjawlux xi nies li kienu mistednin il-*party*. Chetcuti qallu li ma kinitx haga sewwa li jipparkjalu quddiem il-garage u hu wiegbu li ma kientix sewwa li hu jmur ihabbatlu l-bieb fis-saghtejn ta’ filghodu w iqajjem lil kulhadd. Dan beda jargumenta mieghu u huwa nizel mill-vettua tieghu ghaliex ma setax isuq. Chetcuti beda jimbuttah u huwa beda jimbuttah lura. F’xi hin sema’ lil martu tghajjatlu ‘l gewwa w hekk ghamel. Xi hin wara sema xi tisbit fuq il-bieb tieghu u mar jiftah u sab lill-imputat. Dan dahal go daru b’hadida f’idejh u laqtu f’wiccu, f’imniehru. Jghid li dan kellu wkoll serratizz. Dan laqtu w storda w ma jafx aktar x’gara. Jghid li waqt li kienu ghadhom barra Sandro kien arroganti hafna mieghu. Jghid li meta gie f’tieghu ra kullimkien imkisser. Jghid li hu spicca l-poliklinika w riedu jaghmlulu xi punti izda huwa ma accettax.
Nhar it-12 ta’ Gunju 2006 huwa esebixxa stima tal-hsarat li sofra liema stima giet esebita w immarkata bhala Dok S. (fol. 77).
Nhar is-27 ta’ Novembru 2006 huwa esebixxa stima ohra dettaljata li nharget minn Charles Vassallo nhar is-17 ta’ Lulju 2006 u din giet markata bhala Dok. S (fol. 92).
Nhar l-24 ta’ Jannar 2008 rega’ xehed u esebixxa stima ohra dwar it-tiswija fil-bieb tad-dar tieghu li giet markata bhala Dok JB (a fol. 108).
Nhar il-25 ta’ Mejju 2010 rega’ xehed Lawrence Cassar u ddikjara li ma kellu l-ebda pretensjoni kontra l-imputat u li llum kienu saru hbieb u ghalhekk kien qed jirtira l-azzjoni fil-konfront tieghu.

**Clint Flores** xehed fit-12 ta’ Gunju 2006 u jghid li dakinhar bejn is-6 w is-7 ta’ Gunju 2004 huw akien mar

ghand Lawrence Cassar tard filghaxija w ghal habta tal-gahxra w nofs kienet cemplet il-qanpiena w jaf li mar Lawrence jara x'kien gara. Fil-frattemp huwa kien ser jitlaq u meta hareg fit-triq sab lil Lawrence Cassar jiggieled ma' Sandro Chetcuti u mar iferraqhom. Dak il-hin waqghulu c-cwievet, mar biex jigborhom u waqa' hu stess. Jghid li kien hemm erba' min-nies ohra li ma jafx x'jisimhom. Jaf li Sandro beda jghajjat u jghid li dawn in-nies kienu ser iduruh u li kien ser icempel lil huh. Ix-xhud jghid li pprova jdahhal lil bin Lawrence 'il gewwa peress li kien ghadu zghir, u f'xi hin sema' lil xi hadd jghajjat u jghid *'dan hu, dan hu'*. Dar u ra li kien hemm persuna ma' Sandro li f'idejha kellha serratizz u njama w hu gie milqut f'dahru, ghalkemm ma kellux x'jaqsam. Huwa ghalhekk telaq 'l hemm. Jghid li fin-nofs kien hemm karozza w ma setax jghaddi, izda wara xi hadd mexxiha w telaq 'l hemm. Jghid li huwa sab lil Sandro w Lawrence jilletikaw meta nizel. Cahad li sema' lill-imputat jitkellem hazin. Mistoqsi ta' min kienet il-vettura li kien hemm fin-nofs, jghid li ma jafx.

**Sandro Chetcuti** xehed fil-21 ta' Gunju 2006 u jghid li qabel dan l-incident huwa qatt ma kellu xi jghid ma' Lawrence Cassar. Jghid li f'dak il-jum tas-7 ta' Gunju 2004 huwa wkoll kellu l-*party* tal-Precett tat-tifel tieghu, u meta rritorna lura d-dar ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu (2.30a.m.) Lawrence Cassar kellu l-vettura tieghu ipparkjata quddiem il-bieb tal-garage tieghu. Jghid li kemm-il darba kien halliha hemm u hu qatt ma qallu xejn, kien icempillu w jigi jcaqlaqha. Dakinhar ma kienx ser icempillu ghaliex kien tard, imma meta ra li kien ghad hemm id-dawl fid-dar tieghu cempillu, dak nizel, dahal fil-karozza w beda ihares lejh bl-ikrah. Huwa ma kellmux izda l-iehor qallu bl-herra *'ara x'ser nghidlek li meta tigi dawn il-hinijiet, bil-mod kif tifthu l-garaxx.'* Huwa wiegbu '*inti bis-serjeta qed tghidli*?' imbaghad beda jidghi b'Alla w bil-Madonna w hareg ghalih mill-vettura w mar ma' genb il-bieba tal-vettura tieghu. Huwa hareg ukoll u hekk kif ra li kien ser jaqbad jghatih imbuttah 'l hemm. Dak waqa', qam u rega' mar ghalih. Wara ftit dak saq. Jghid li dak il-hin nizlu hafna nies mid-dar ta' Cassar, u wiehed minnhom li nzerta kien iben Cassar lilu qabdu minn dahru

w tah daqqa fi spalltu w dak il-hin infixel u cempel lil huh, cioe' l-imputat, ghax kien ippanikkjat u qallu sabiex ifittex imur hdejh ghax kienu qed iduruh. Jghid li fil-pront waslet martu li pprovat tikkalma s-sitwazzjoni, u dan hebb ghal martu wkoll u hu widdbu biex ma jmisshiex. Rega' cempel lil huh u qallu *'inti gej jew ha tistenna sakemm joqtluni*?' Dan qallu li kien fit-triq u malli wasal tnejn minnhom daru ghalih mill-ewwel. Huh gabar xi haga mill-art u garaha lejn wiehed minnhom u l-iehor qisu ried jidhol gewwa u igib xi haga minn gewwa. Dan beda jhedded lilu w lil huh u huma dahlu warajh. Fl-intrata Lawrence qabad is-*sottospecchio* bil-hgiega b'kollox u ried iwaddabha lil huh u dan laqaghha b'idejh. Jghid li huma waqghu fuq xulxin u anke li huwa ta daqqa ta' ponn lil Lawrence ghax hassu li ma kellux jaghmel hekk lil huh. Jghid li huh kellu jdejh bid-demm u hadu l-poliklinika fejn ghamlulu xi punti. Ikompli li meta regghu marru lura fuq il-post sabu li flok ma ddispjacih ta' dak li kien gara, Cassar kien qabad u tefa' hafna affarijiet imkissrin fir-rampa tal-garaxx taghhom, biex huma xorta ma jidhlux fil-garaxx. Jikkonferma li wara gew il-pulizija. Jghid li bejn l-ewwel u t-tieni telefonata lil huh ma tantx kien hemm hin, kwistjoni ta' ftit minuti, w ikkonferma wkoll li qabel ma wasal huh ma dahalx fil-fond ta' Cassar. Mistoqsi x'kien waddab huh jghid li kienet jew injama jew hadida li kien sab ma l-art. Nies madwaru kien hemm xi hamsa jew sitta apparti Lawrence. Spiccaw fl-intrata tad-dar billi min beda jimbotta min-naha u min minn ohra. Jghid li huwa hass ruhu *relieved* meta wasal huh. Jghid li kien Lawrence u ibnu li hebbew ghalih waqt li kienu fil-kumpanija t'erbgha ohra. Jghid li Lawrence kien qallu il-kliem '*issa inhallsek'* u b'hekk huwa fehem li kien ser jidhol gewwa dahru w igib xi haga w isawwtu biha. Jikkonferma li l-aktar li wegga' f'dan l-incident kien huh.

**L-imputat Robert Chetcuti** xehed nhar il-25 ta' Mejju 2010 u spjega l-incident li kien involut fih. Ikkonferma li dakinhar tal-incident huwa kien attenda festin zghir tat-tifel ta' huh Sandro li kien ghamel il-Precett, u ghal habta tas-siegha ta' filghdou (1.00a.m.) kien cempillu Sandro, w hu haseb li kien cempillu biex jirringrazzjah tar-rigal, pero' dan deher ecitat hafna fuq it-telefon. Dan qallu sabiex

imur hdjen il-garaxx, kellu nifsu maqtugh u qallu li kienu ser joqtluh, u qata' t-telefon. Huwa tbellah u minnufih mar fuq il-post u sab lil huh cirkondat bin-nies. Qal li huwa kien *single handed*. Hareg mill-karozza w hdejn il-bankina kien hemm injama, w beda jghid *'halluh halluh'* , b'refernza ghal huh, u tefa' din l-injama fejn l-iktar li kien hemm nies biex jifridhom. Jghid li Lawrence Cassar kien hemmhekk ukoll. Qal li n-nies li kien hemm kienu bi *drink* u ma kienux qed jirragunaw. Jghid li dawn in-nies kienu ostili hafna mieghu. Qal li huwa qabad dak li sab cioe' *wheel brace*, injama w bicca kartuna. Huwa tefa' l-injama w ma marritx 'il boghod. Kollox gara f'lehha ta' berqa. Qal li kien hemm xi erba' min-nies jigru wara huh, u ra lil Lawrence hiereg bi statwa f'idejh u jgholli din l-istatwa. Huh kien ftit 'il quddiem, dahru lejn Cassar, u huwa haseb li kien ser jolqtu, w ghalhekk gera ghal go Lawrence biex ma jolqtux u hass lin-nies li kien hemm jigru ghal warajh u baqghu dehlin god-dar ta' Lawrence Cassar, kulhadd fuq xulxin. Jghid li kien hemm rassa kbira w li kien hemm mera li nfaqghet f'idu w spicca bi sbatax-il punt f'idejh, u wara jghid li tilef il-kontroll u beda jiddefendi lilu nnifsu kif seta'. Jghid li l-piz li gie minn wara ma kienx ta' persuna wahda, w huwa ntrema' fl-intrata. Huma spiccaw mal-art u meta gie biex iqum ghatta wiccu b'idejh. Dak il-hin Lawrence qabad il-mera miksura u aggredih biha. Kien hemm affarijiet fl-intrata fosthom xi vazun li nkiser ghax waqa' bit-tgerfix li kien hemm. Huwa beda jiddefendi lilu nnifsu meta kien iffaccjat b'dan il-perikolu, fis-sens li beda jxejjer kemm jista' sabiex hadd ma jwegga' lilu jew lil huh. Qal li huwa ma jixrobx u d-demm li beda jtir minn idejh beda jithallat bix-xorb li kien hemm fit-tazzi. Jghid li l-injama tefaghha sabiex jifred lin-nies u din hija l-istess wahda li giet esebita fil-Qorti. Meta ra lil Lawrence javvicina lil huh, huwa qabad gastra li kien hemm quddiem Cassar u xejjirha 'l hemm biex iwaqqfu. Meta l-Qorti ghamlet referenza ghal dak li qal fl-istqarrija, huwa kkonferma li l-mera waqghet meta huwa mbotta lil Lawrence ghal fuqha. L-imputat ikkonferma wkoll l-istqarrija li huwa kien irrilaxxja *a tempo vergine* tal-investigazzjoni, li hija *piu' o meno* dak li qal l-imputat fil-Qorti viva voce.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza jidher li originarjament il-glieda kienet bejn hu l-imputat, u cioe’ Sandro Chetcuti w Lawrence Cassar, ghalkemm l-aktar li spicca ferut kien l-imputat odjern bi sbatax-il punt f’idejh. Jidher li l-kwistjoni qamet meta Sandro Chetcuti kien irritorna lura d-dar nhar is-7 ta’ Gunju 2004, wara festin tat-tifel tieghu, u sab il-vettura ta’ Lawrence Cassar ipparkjata quddiem il-garage tieghu. Huwa ghalhekk nizel ikellem lil Lawrence Cassar u talbu biex iressaq il-vettura, izda dan gie bid-dghajsa w kien ghalhekk li nqala’ l-inkwiet. Izda mbaghad kelma ggib lil ohra w bdew jghajtu w hargu xi mistiedna li kien hemm ghand Lawrence Cassar, u Sandro haseb li kien ser jigi aggredit peress illi Lawrence kien diga’ tlewwem mieghu izzejjed. Huwa ghalhekk cempel lil huh, l-imputat, u dan f’nofs ta’ lejl, u talbu sabiex jghinu, ghaliex fi kliemu kienu ser joqtluh. Wara ftit wasal l-imputat u l-istorja ma waqfitx hawn, anzi kibret tant li Lawrence Cassar spicca ferut bl-injama li waddab l-imputat u l-imputat spicca bi sbatax-il punt f’idu minhabba li l-mera li kien hemm fl-intrata waqqghet ghal fuqu u tkissret. L-imputat jghid li huwa hass li kellu jghin lil huh ghaliex fehem li kienu se joqtluh, u meta mar fuq il-post sab li verament huh kien cirkondat b’nies li ma jafx, u li kienu qed ihebbu ghalih.

Id-difiza sostniet li dan hu proprju kaz ta’ legittima difesa, w ghalhekk il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-Gurisprudenza w Ligi dwar din id-difiza sabiex tara jekk il-fatti specie ta’ dan il-kaz jaqqhux taht din id-difiza.

Illi kif inhu ben saput, il-gustifikazzjoni ghal-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa’ b'forza l-vjolenza jew aggressivita’ ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva, l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-legittima difeza trid tkun inholqot sitwazzjoni ta' perikolu, dannu, theddida u/jew minaccja tal-istess, bl-agir tal-aggressur u mhux da parti tad-difensur, sitwazzjoni kkrejata unikament mhux minn min jaddotta dak t-tip ta' difiza, izda minn min qed juri jew jimmanifesta dak il-perikolu jew theddid jew dannu imminenti.

Fil-fatt l-**artikolu 233** tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta jghid:
*"Ma hemmx reat meta l-omicidju jew l-offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mil-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor."*

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-ghoxrin ta' Jannar, 1995 fil-kawza fl-ismijiet **il-Pulziija v Joseph Psaila** fejn dik il-Qorti rriteniet is-segwenti:
*"Id-dritt ghal-legittima difesa jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda il-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha. Cioe' t-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu irid ikun ingust, gravi w inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. L-imputat difensur irid jipprova li dak li ghamel, ghamlu stante li fl-istat psikologiku li kien jinsab fih f'dak il-mument biex jevita xi perikolu li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri il-perikolu ghandu jkun attwali, istantaneju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat. Il-perikolu ghandu ikun attwali jigifieri ta' dak il-hin u mhux xi theddida ta' perikolu li tkun saret hinijiet qabel ghax dan jista jaghti lok biss ghal provokazzjoni u mhux difesa legittima. Il-perikolu irid ikun assolut cioe' li f'dak il-mument li qed jsehh ma setax jigi evitat b'xi mod iehor."*

Izda hawnhekk ghandu jigi applikat it-test soggettiv, kif diversi awturi w sentenzi tal-Qorti dejjem specifikaw u mhux bizzejjed li wiehed jghid x'seta' ghamel jew x'messu ghamel d-difensur (imputat) qabel ma ha l-azzjoni in difesa b'uzu ta' l-azzjoni. Fil-fatt kif jghid il-**Professur Mamo fin-*Noti*** tieghu:
*"The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time."*

Wiehed ghalhekk irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni w stat mentali w psikologiku tal-imputat difensur meta agixxa b'dak il-mod fic-cirkostanzi, kif seta’ hassu dak il-hin u mument cioe’ jekk kienx imbezza’ u /jew panikuz.

Fl-ahhar nett biex l-imputat ikun jista’ jigi gustifikat ghal kollox, fid-difesa legittima huwa m'ghandux jaddotta metodi li huma in eccess jew minaccja ta' perikolu. Izda anke hawn u partikolarment fil-kaz in ezami, ghandu wkoll jigi kkunsidrat sew l-istat mentali tal-vittma tal-aggressjoni jew minaccja ta' perikolu, cioe’ l-imputat. Rinfaccat b'perikolu serju w imminenti, kif haseb hu f'dak il-mument, wiehed ma jistax jippretendi li kellu jzomm il-kalma w fil-fatt il-Ligi stess f'cirkostanzi bhal dawn taccetta miskalkolazzjonijiet u *errors of judgment*. Il-Ligi fil-fatt tipprovdi li l-ebda piena ma tigi inflitta f'kazijiet anke fejn bniedem jeccedi l-Ligi, f'kaz li jkun necessarju li jiddefendi lilu nnifsu u/jew terzi, fejn tali eccess ikun dovut ghal perikolu imminenti li hu jsib ruhu rinfaccat bih jew minhabba biza' jew twerwir (*fear or fright)*.

F’dan il-kaz l-imputat agixxa sabiex jiddefendi lil huh, Sandro Chetcuti, li kien qed jigi vjolentat minn Lawrence Cassar. Jirrizulta li l-imputat ircieva telefonata, anzi tnejn, fil-hemda tal-lejl meta kien rieqed, minghand huh fejn dan infurmah li kien qed jigi aggredit minn xi nies. Huwa ghalhekk mar fuq il-post indikat lilu w verament sab li kien hemm nies li qed jiccirkondaw lil huh, u li verament huh kellu bzonn l-ghajnuna sabiex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni ta’ terzi. Ma hemmx dubbju li l-biza’ tal-ahwa Chetcuti kienet wahda reali, imminienti w serja.

Ghaldaqstant din id-difiza, qed tigi milqugha kemm fir-rigward tal-ewwel (1) akkuza fejn l-imputat gie akkuzat li kkaguna ferita ta’ natura gravi fuq il-persuna ta’ Lawrence Cassar, kif ukoll fir-rigward tat-tieni (2) akkuza, fejn gie akkuzat li kkaguna ferita ta’ natura hafifa fil-konfront ta’ Kurt Cassar.

Dwar it-tielet (3) akkuza, w cioe’ dik kontravenzjonali li huwa kiser il-paci pubblika b’ghajjat u glied, m’hemmx dubbju li din tirrizulta pprovata.

Dwar ir-raba' (4) w il-hames (5) akkuza, w cioe' l-kontravenzjonijiet dwar li qal kliem fil-pubbliku li kienu oxxeni w indicenti, w li hedded lil Lawrence Cassar, dawn ma jirrizultawx provati w il-Qorti ma issibux hati taghhom.

**Ghaldaqstant din il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' l-Artikoli 216 (b), 221, 338 (dd), 338 (1), 338 (bb), u 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tiddikjara li l-imputat ROBERT CHETCUTI kien gustifikat li agixxa b'dak il-mod tal-legittima difesa ghalih nnifsu, w stante li din il-versjoni ta' difiza w eccezzjoni qed tigi milqugha, tara li l-imputazzjonijiet kontra l-imputat, u cioe' li kkaguna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Lawrence Cassar u ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Kurt Cassar, ma gewx ippruvati sufficjentement u ghalhekk ma ssibux hati taghhom, u tiddikjara li ma ssibux hati tar-raba' (4) w il-hames (5) kontravenzjoni w tilliberah minnhom ukoll, izda ssibu hati tat-tielet (3) kontravenzjoni w tikkundannah sitta u hamsin Ewro (€56) ammenda.**

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkudanna lill-imputat ihallas l-ispejjez tal-esperti, l-Qorti tinnota li ma kien hemm l-ebda spiza f'dan ir-rigward u ghalhekk tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' tali talba.

Dwar it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tobbliga lill-imputat, taht penali, li ma jkellimx lil Lawrence Cassar u ibnu Kurt ghal perijodu ta' zmien, il-Qorti rat li din il-Qorti lliberatu minn dawk l-akkuzi li jikkoncernaw lil Lawrence Cssar u lil ibnu Kurt Cassar u ghalhekk qed tichad tali talba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------